**30 ta' Novembru, 1964.**

**Imhallfin:**

**S. T. O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C. St. J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

**Carmel Bajada ne.**

**versus**

**Anthony Falzon, O.B.E., ne.**

**Vendita in Massa — "Species" — Klawsola "Tale Quale".**

*F'dan il-kaz kien hemm vendita ta' merci mibjugha in massa jew in blokk u bi prezz wiehed u cert u kwindi kienet vendita ta' 'species' mhux altrimenti milli kieku kienet vendita ta' haġa singola u individwalment determinata.*

*L-klawsola "tale quale" ma ghandiex dik l-importanza li ddahhal fil-vendita anki dak li ma jidholx fli 'species" u cioe merci ta' kwalita diversa.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur "nomine" — peress li fl-għoxrin (20) ta' Jannar, 1961, id-Dipartiment ta' l-Ilma u Elettriku ħareġ avviż li jġib in-numru wieħed tas-sena 1961 għall-offerti għal xiri u ġarr ta' tlett lots 'scrap material' "tale quale' taħt il-kondizzjonijiet fl-istess avviż indikati (Dok. "A"); u peress li fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 1961, ġiet aċċettata l-offerta ta' l-attur "nomine" u peress li meta l-attur "nomine" permezz ta' l-impjegati tiegħu mar biex jirtira l-lot-

tijiet minnu mixtrija sab li parti mill-materjal li kien jifforma l-lots ġie mwarrab u ġie prekluż mill-konvenut "nomine" li jirtirah; u peress li l-konvenut "nomine" ipprekluda wkoll lill-attur nomine li jirtira xi oġġetti formanti parti mil fuq imsemmija "lots" — premessa kwalsijasi dikjarazzjoni u senjatament dik li bħala konsegwenza ta' l-aċċettazzjoni ta' l-offerta magħmula mill-attur "nomine" huwa għandu dritt għall-oġġetti kollha li kienu jiffurmaw parti minn l-imsemmija tlett lots kif eżistenti fil-ġurnata li huwa mar jispezzjonahom u mogħti kull provvediment opportun — talab li l-konvenut fil-kwalita premessa: (1) jiġi kundannat, fi żmien qasir u perentorju li dina l-Qorti tiffissa, jikkonsenja għas-spejjeż tiegħu lill-attur nomine dawk l-oġġetti kollha li jirriżultaw li kienu jiffurmaw parti mill-imsemmija tlett lots u li llum qiegħed jirrifjuta jikkonsenja; (2) u, in difett, jiġi dikjarat responsabbli tad-danni li jsofri l-attur bħala konsegwenza tal-mankata konsenja ta' l-imsemmija oġġetti, danni li għandhom jiġu likwidati permezzi ta' perit jew periti nominandi, u jiġi kkundannat iħallas lill-attur issomma hekk talvolta likwidata bħala danni, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Protest ġudizjarju tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu, 1961.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut "nomine" li biha qal li d-ditta attriċi kienet offriet għax-xiri ta' scrap material li kien "stocked" fic-Civil Abattoir, Marsa, u li kien munzellat fi tlett lottijiet differenti: wieħed ta' concrete poles; l-ieħor ta' "galvanized wire", u l-ieħor ta' "porcelain insulators to bricks", u dina l-offerta ġiet aċċettata u d-ditta attriċi hija libera u qatt ma ġiet ostakolata li tirtira dawn l-oġġetti.

Rat id-digriet tal-Qorti fuq indikata tas-sitta u għoxrin (26) ta' April, 1961, minn fejn jidher li ġiet nominat perit

legali sabiex ifittex jgħid jekk id-domanda attriċi jihiex jew le fil-fatt fondata u jillikwida d-danni.

Rat ir-relazzjoni tal-perit minnu maħlufa fil-għaxra (10) ta' Mejju, 1962.

Rat is-sentenza ta' l-istess Qorti fuq imsemmija, mogħtija fil-ħdax (11) ta' April, 1964 li biha ġew miċħuda t-talbiet ta' l-attur "nomine", bl-ispejjeż kontra tiegħu — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

Illi mill-atti tal-kawża jidher li l-instanti nomine, li kien tefa "tender" maħruġa mid-dipertiment governattiv konvenut u li minn dan l-aħħar dipartiment ġiet debitament aċċettata skond il-kondizzjonijiet ta' l-offerta, qiegħed jippretendi li meta ġie sabiex jirtira l-oġġetti imdaħħla fit-"tender" ġie prekluż mill-konvenut nomine milli jirtira xi affarijiet li kienu mdaħħla fl-istess offerta meta huwa mar biex jieħu l-konsenja fil-post fejn kienet stokkjati;

Illi f'dina l-kawża għandhom jiġu eżaminati żewġ aspetti ta' mportanza determinanti għall-eżitu tagħha: (1) in-natura tal-oġġetti speċifikati fit-tender; (2) il-kredibilita u l-attendibilita tax-xhieda prodotti "hinc iride", dwar il-prova tal-vendita "in massa" li tifforma oġġett tal-offerta in kontestazzjoni.

Illi l-Qorti ma taqbelx mar-rapport tal-perit legali, għal raġunijiet li sejrin jiġu esponti aktar il quddiem u għal'ex f'dana r-rapport il-perit ġudizzjarju ma satax jieħu konjizzjoni ta' versjonijiet ulterjuri mogħtija mix-xhieda li ddeponew quddiemu, wara li huwa kien ġa ppresentah.

Illi fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar, 1961, id-ditta

attriċi ħadet l-offerta għax-xiri "tale quale" u rimozzjoni ta' 'scrap material' appartenenti lid-Dipartiment tal-Ilma u Ellettriku mis-Civil Abatoir, Marsa. Dana l-materjal jinsab deskritt fid-dokument ġa fuq riferit u kien jikkonsisti fi tlett lottijiet separati: wieħed ta' "concrete poles", l-ieħor ta' "galvanized wire", u l-ieħor ta' "porcelain insulators and bricks." Dawna t-tlett lots ġew mixtrija mid-ditta attriċi bil-prezz ta' mija u sitta u tmenin lira (£186); tnejn u tletin lira (£32) u sitt liri (£6) rispettivament.

Illi qabel ma saret l-offerta, Anthony Bajada, junior, u missieru kienu marru fuq il-post biex jaraw il-materjal, fejn ġie lilhom indikat mill-watchman Giuseppe Fava. L-offerta kienet titkellem ċar jiġifieri l-poles kienu speċifikati fl-individwalita tagħhom bħala tal-"concrete"; mal-galvanized wire ma kien hemm ebda speċifikazzjoni li wieħed jista' jifhem li magħhom kienu sejrin jinbiegħu wkoll pjanċi tal-azzar, u t-tielet lot, ta' valur esigwu, kien deskritt bħala bricks u insulaturi tal-porċellana. Mela la darba n-natura tal-oġġett ġiet speċifikata, u l-attur offra biex jixtri l-oġġett hekk speċifikat, il-Qorti jidhrilha li l-kwistjoni tkun qegħda tiġi spustata, jekk tippermetti li tiġi meħuda in konsiderazzjoni kwalunkwe pretensjoni oħra li ma tidħolx fil-limiti ta' dina l-vendita. In fatti, għalkemm din tista tittieħed bħala vendita "in massa" għar-rigward tal-kwantita u tal-piż involut fiha, mhux hekk għar-rigward tal-kwalita u natura tal-oġġett mibjugħ, għaliex josserva Vivante (Trattato di Dto. Com. Vol. IV, para 1639): "La determinazione della quantita non ha la minima influenza sulla determinazione della cosa, oggetto del contratto". Jistgħu jivverifikaw ruħhom każi ta' avarija fil-piż u fil-kwantita tant li l-liġi tpoġġi r-riskju tagħhom fuq ix-xerrej (art. 1399 Kod. Ċiv. Kollez. XXXVI, 334), li għandu jbati l-konsegwenzi tal-kalkolu u tal-inċertezzi li huma bażi ta' dina x-xorta ta' operazzjoni kummerċjali; pero, għar-rigward tal-kwalita,

dawna l-elementi ma jiġux ugwalment riskontrati fil-merkanzija li timbiegħ "in bulk" bħal dik presenti. Għalhekk ix-xerrej ma jistax jippretendi li jeżorbita mil-limiti tal-offerta minnu stess magħmula biex ikun jista jesiġi l-konsenja ta' merkanzija li huwa ma xtarax, mhux għax saba nieqsa, iżda għaliex dina hija ta' kwalita oħra li, minnu setgħet kienet korporlment individwata billi l-merkanzija kienet determinata ġa mill-bidu fl-offerta (Kollezz. XXIV, 671).

Illi dana l-prinċipju huwa applikabbili b'akbar vigur, meta, speċjalment bħal fil-każ in disamina, il-merkanzija ta' natura differenti minn dik mibjugħa, kienet ammassata għaliha, u a ċerta distanza minn dik li kienet l-oġġett tal-offerta. M'hemmx dubbju li qafas ta' "concrete pole" imqaxxar u lest, ma jistax jiġi konfus ma pole li għadu m'ibbes bil-concrete li biex tkisser sitta minnhom trid ġurnata sħieħa u erba' min-nies; u dina d-differenza hija markata u visibili faċilment, u għalhekk mhux verosimilí li l-offerent jista' jiġi ndott fi żball, molto piu meta jkun persuna li tinnegozja f'dana l-ġeneru ta' merkanzija; l-istess ħaġa jingħad għall-pjanċi tal-ħadid li l-attur jippretendi li kellhom jiffurmaw parti tal-galvanized wire. A rigward tat-tielet lot mhux il-każ li jsiru osservazzjonijiet għaliex l-Qorti m'għandiex quddiemha provi biżżejjed konvinċenti biex jinduċuha tikkonkludi li dana ma ġiex konsenjat lill-attur fl-interezza tiegħu, u għalhekk toqgħod fuq ix-xhieda li ta Albert Galea.

Li, anqas ma jista jingħad li l-klawsola "tale quale" setgħet tipproduċi l-inklussjoni fil-merkanzija mibjugħa tal-oġġetti reklamati mill-attur, għaliex dina l-klawsola tirriferixxi ruħha biss għall-istat tal-merkanzija fis-sens li teskludi kwalunkwe garanzija mill-vizji okkulti tal-ħaġa

mibjugħa, "e non si riferisce alla qualita della cosa" (Kollez., XX, I, 273; XV 317).

Illi dwar il-kwistjoni tal-kredibilita tax-xhieda, għandu qabel xejn jiġi rilevat li fil-post fejn kienet esposta l-merkanzija jidher li kien hemm diversi lottijiet stakkati minn xulxin, għalkemm mhux f'distanza apprezzabbli minn wieħed għall-ieħor. Dina ċ-ċirkostanza tirriżulta:

(1) Mix-xhieda tal-Watchman Joseph Fava; ta' li skilled labourer Costantino Zammit; ta' li store officer Albert Galea; ta' Albert Bajada meta xehed: "Fhimt li kull ma kien hemm mal-boundary tal-lot, kien tagħna."

(2) iż-żewġ pjanti esibiti fil-proċess konfermati bil-ġurament.

(3) Mill-fatt li bejn il-partita tal-concrete poles u l-osqfa tal-ħadid, anki qabel ma ġew separati bil-kaxxi tatte, kien hemm kaxxa kbira li kienet tissepara dawna ż-żewġ items; liema kaxxa ma jidherx li, f'xi mument, ġiet notata mix-xhieda tal-attur, avvolja għamlu enfasi fuq lis-spostazzjoni tal-kaxxi bejn l-oqsfa tal-ħadid u l-concrete poles.

(4) Mill-fatt li ma ġiex pruvat li l-poles ġew imċaqilqin biex ġew separati mill-kaxxi. Mistoqsi fuq dana il-punt, ix-xhud ta' l-attur Pasquale Camilleri, wieġeb, li ma jafx u stqarr li: "pero dawk mhux oġġetti li ċċaqlaqhom malajr", kieku kien hemm xi indizzju ta' dana ċ-ċaqlieq, żgur li kien jiġi notat minn xi ħaddiem tal-attur, għaliex dana kien iġib miegħu l-okkupazzjoni ta' spazju akbar minn dak li kienu fuqu miġburin iż-żewġ partiti. Anki x-xhud tal-attur Emmanuele Cassar ikkonstata dina s-separazzjoni bejn iż-żewġ lottijiet tal-poles, u mingħajr ma qal li ġew

spostati kkonkluda d-deposizzjoni tiegħu b'dawna l-kliem: "ġurnata minnhom meta morna biex inġorru jiena rajt lil dawk li kienu mingħajr konkos ġew separati mill-oħrajn b'xi kaxxi."

(5) Mill-konsiderazzjoni li bejn il-concrete poles u l-osqfa tagħhom, kien hemm neċessarjament ċertu distakkament in vista tal-fatt li l-oqsfa kienu l-prodott tal-poles svestiti mill-konkos; u għalhekk mhux konċepibbili li wara li tlestew kif qal ix-xhud Galea biex jinqeda bihom id-Dipartiment, jerġgħu jitpoġġew u jitħalltu flimkien mal-poles mhux imqaxxra, li kienu appuntu dawk li l-Gvern ried ibiegħ biex jeħles mill-ispiża tax-xogħol meħtieġ għall-ksur tal-konkos tagħhom.

(6) Miċ-ċirkostanzi li, għal kull partita, irrizulta li kien hemm ċerta separazzjoni, tant huwa hekk li kien hemm lottijiet oħra fl-istess post li ġew assenjati lil'-offerenti diversi mill-attur.

Illi, stabilit dana l-punt, il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa d-desposizzjonijiet tax-xhieda kollha, waslet għall-konklużżjoni li tidher aktar aċċettabili l-versjoni tal-konvenut, li ma jirriżultax li huwa animat minn xi nteress partikolari u personali li jissottraji xi ħaġa mill-merkanzija offerta u mixtrija mill-attur. Huwa, pero, ta' min jinnota li l-ammont involut fl-offerti, kieku l-attur ġie anness jirtira l-merkanzija minnu pretiża, kien jiġi sbilanċjat sensibilment, fis-sens li bih l-attur kien qiegħed jiġi javvantaġġja ruħu b'import tali li ma kienx qatt fi ħsieb tal-istipulazzjoni tal-kontraenti. Infatti, exempli gratia, kieku l-attur irtira wkoll mat-tieni lot il-pjanċi li kien jippretendi, kien jaqla ma dwar erba' u tlettin lira (£34) tagħhom biss, mentri għall-galvanized wire kien offra b'kollox tnejn u

tletin lira £(32) (v. xhieda Anthony Bajada).

Illi l-attur, għalhekk, m'għandux ikun intitolat għall-konsenja ta' dik il-merkanzija li ma kienetx tifforma parti mill-kontrattazzjoni, u għalhekk anqas ma jista jkollha ebda segwitu t-talba alternativa għall-ħlas tad-danni. Huwa risaput, infatti, li d-danni kontrattwali għandhom funzjoni riparatiċi, u m'għandhomx ikunu strument ta' piena kontra l-inadempiment, jew ta' lukru indebitu favur il-kontraent l-ieħor imma biss reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-danneġġjat fil-misura tad-danni sofferti (Kollez. XXXVII, I, 478). F'materja ta' danni, huwa kunsidrat li sofra xi dannu min jitlef xi qliegħ li sata jikkonsegwixxi: "Dannum pati videtur, qui commodum amittet, quod consequi poterat" (Ulp. 1.2. para 11 D. "nequi in loco"). Issa, l-attur ma jistax jingħad li jinsab f'dina l-posizzjoni, għaliex meta huwa messu kien jaf li l-oġġett mibjugħ huwa dak li ġie lilu effettivament konsenjat mill-konvenut, u l-pretensjoni tiegħu fuq oġġetti oħra li ma kienux jidħlu fil-kontrattazzjoni, ma tistax tiġi okkupata bħala bażi li mħabba fiha l-istess attur qiegħed jirreklama telf ta' profitt; għaliex dak li ma kienx mill-bidu jispetta lilu, ma jistax isir oġġett ta' pretensjoni lukrativa; minn mhux obbligat ma jsir qatt inadempjenti; u d-danni appuntu huma r-risarċiment pekunjarju tal-obbligazzjoni inadempita.

Rat in-nota ta' l-appell tal-attur u l-petizzjoni tiegħu għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza u għal-laqa tat-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut "nomine" appellata.

Rat ir-risposta ta' l-appellat nomine li ssottometta il'i dik is-sentenza hi ġusta u jisħoqqilha, għaldaqstant, li tiġi konfermata.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Il-Perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta illi l-oġġetti pretiżi mill-appellant "nomine" għandhom jiġu kunsidrati bħala formanti parti ntegrali mil-"lots" mixtrija, għaliex deherlu li skond il-provi li saru quddiemu wieħed għandu bilfors jasal għall-konklużżjoni li dawk l-oġġetti kienu ħaġa waħda mal-"lots" li ġew murija lill Anthony Bajada u lil ibnu Anthony min Joseph Fava, impjegat tal-appellat "nomine". qabel ma saret l-offerta għalihom mid-ditta attriċi, u allura — qal il-Perit — xejn ma jgħodd jekk dawk l-oġġetti ma kienux jidħlu preċiżament fid-diskrizzjoni ta' l-oġġetti in vendita li ġiet magħmula fl-avviż għal offerti, anki għaliex f'każijiet simili d-deskrizzjoni li tingħata lill-oġġett in vendita tkun biss intiża biex isservi ta' rikjam u ta' għajjut lil dak li jkun ird jixtri u mhux bħala deskrizzjoni sħiħa, kompleta u esklusiv ta' l-istess oġġett; ukoll għaliex kull kuntratt għandu jiġi esegwit "in buona fede" aktar u aktar f'każ bħal presenti fejn l-oġġett tal-kuntratt, imħabba n-natura tiegħu u l-post fejn ikun qiegħed, ma' jkunx jista jiġi eżaminat akkuratament u komodament, u, inoltri, jkun sejjer jiġi mibjugħ "tale quale" u f'salt.

L-ewwel Qorti irrespinġiet il-konklużżjoni li fiha wasal il-perit u waslet għall-konklużżjoni kuntrarja li l-attur m'għandux dritt għal merkanzija pretiża għaliex din ma kienetx parti mill-kontrattazzjoni, u dan għar-raġunijiet mogħtija fl-istess sentenza li minnha hemm appell.

L-appellant "nomine" iċċensura dik is-sentenza billi ma

laqgħetx il-konklużżjoni sottomessa fir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju fuq il-motiv li fil-każ għandha tiġi ravvisata vendita ta' korp determinat għar-raġuni li l-merkanzija kienet ġiet deskritta: fl-ewwel "lot" bħala "concrete ploes"; fit-tieni "lot" bħala "galvanised wire", u fit-tielet "lot" bħala "porcelain insulators and bricks", u allura, kif ingħid fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, l-appellant "nomine" ma setax jippretendi li xtara merkanzija oħra ta' kwantita diversa, aktar u aktar meta dik il-merkanzija ta' natura differenti min dik deskritta kienet ammassata għaliha f'ċerta distanza l'hemm mill-oħra.

Il-motivi ta' ċensura dedotti mill-appellant "nomine" fil-petizzjoni tiegħu u diffusament spjegati fit-trattazzjoni orali ta' dana l-appell jistgħu jiġu ridotti għal dawk li sejjin jiġu ndikati, jiġifieri:

1. L-ewwelnett — u dan, jgħid l-appellant "nomine" għaliex il-partita ma kienitx tikkonsisti minn kif argumentat l-ewwel Qorti, "concrrete poles galvanised wire u porcelain insulators and bricks", imma inveċe, partita ta' *"scrap metal" "tale quale"* kif kostitwita min tlett lottijiet li kienu jġibu d-deskrizzjoni riferita.

2. Imbagħad, għaliex ma rriżultax li l-merkanzija pretiża kienet ammassata għaliha, a ċerta distanza, billi l-provi juru fil-kumpless tagħhom il-kuntrarju.

3. Għalhekk fil-każ presenti, bħal f'każijiet simili, id-deskrizzjoni tal-merkanzija għandha tiġi kunsidrata magħmula kif irreleva l-perit ġudizzjarju, pjuttost biex isservi ta' rikjam u ta' għajjut lil dak li jkun irid joffri u jixtri milli bħala deskrizzjoni eżatta u esklusiva ta' l-istess merkanzija, u allura l-fattur importanti li għandu jiddeċiedi

liema kienet il-merkanzija li għaliha saret l-offerta u li ġiet fil-fatt mixtrija jikkonsisti fil-prova ta' dak li kien jifforma parti mil-"lots" in vendita u li ġew murija mill-offerent.

Inoltre, fit-trattazzjoni orali l-appellant "nomine" issottometta, wara li eżamina u ddiskuta l-provi, biex minnhom joħroġ li l-merkanzija pretiża ma kienetx segregata mil-"lots" fuq riferiti, illi, f'vendita ta' dina l-ispeċie, jekk jibqa xi dubbju kienetx jew le dik il-merkanzija segregata, dak id-dubbju għandu jmur favur tiegħu u kontra l-appellant "nomine" billi jekk dan ma ħax il-prekawzjoni li jissegrega sewwa l-merkanzija kien negliġenti u bħala tali għandu jimputa lilu nnifsu t-telf li in konsegwenza ta' dik il-ħtija jista jsofri.

Din il-Qorti, wara li eżaminat attentament il-provi u rriflettiet fuq is-sottomissjonijiet skritti u orali tal-kontendenti, waslet għall-konklużżjoni li l-appellant "nomine" ma jistax jippretendi li huma tiegħu, għaliex kienu ffurmaw parti mil-"lots" fuq imsemmija u kwindi xtrahom, l-oġġetti li huwa qiegħed jippretendi.

Inveru, l-ewwelnett, u riferibilment għall-ewwel motiv tal-appell, mhix korretta l-allegazzjoni magħmula mill-appelant "nomine" li hu xtrara "scrap metal" il-għaliex fl-avviż għall-offerti ma ġewx użati il-kliem "scrap metal" kif issottometta l-appellant "nomine", imma, inveċe, il-kliem "scrap material" u allura huwa għamel offerta għal, u xtara, dak lis-"scrap material" li ġie speċifikament deskritt fl-istess avviż bħala "concrete poles" formanti l-ewwel "lot"; "galvanized wire" komponenti t-tieni "lot"; u "porcelain insulators and bricks" kostitwenti it-tielet "lot". kollox "tale quale". Si trattava kwindi ta' merċi mibjugħa in massa jew li blokk u bi prezz wieħed u ċert u kwindi kienet ven-

dita ta' "species" mhux altrimenti milli kieku kienet vendita ta' ħaġa singola u ndividwalment determinata billi, kif hu risaput, fil-lingwaġġ ġuridiku odjern, dak li fid-Dritt Roman kien "species" hu llum, għalina, kwalunkwe ħaġa ċerta u ndividwalment determinata, u allura ċertament bħala regola l-appellant "nomine" ma jistax jippretendi merċi li ma tidħolx f'dik lis-"species", u l-klawsola "tale quale" ma għandiex dik l-importanza li l-appellant "nomine" irid jattribwilha; jiġifieri li ddaħħal fil-vendita anki dak li ma jidħolx fil-"species", fi kliem ieħor jinstabu ma dawk li jidħlu fi-"species", u dan għaliex is-sinjifikat li kien intiż li jiġi mogħti lil dik il-klawsola hu evidentement dak li komunement jiġi mogħti lilha meta tiġi magħmula bħala kondizzjoni f'venditi simili, jiġifieri dak li jagħmluha tirriferixxi għall-istat tal-merkanzija.

Imbagħad, lanqas ma jista jingħid li l-provi akkwisiti għall-proċess juru konkludentement, fi kliem iktar proprju li jista jingħad li ġie verament jew suffiċjentement pruvat, iġifieri li b'dawk il-provi l-ġudikant jista jakkwista dik iċ-ċertezza morali li tabilħaqq il-merkanzija pretiża kienet mal-"lots" li hu ra qabel ma għamel l-offerta. Jekk hemm xi dubbju — hu qal — dan għandu jmur favur tiegħu u kontra l-appellat "nomine" billi dan id-dubbju jmur għall-ħtija tiegħu għaliex ma ssegregax sewwa l-merkanzija. Imma, apparti l-esistenza tal-prinċipju l-ieħor, iġifieri li fid-dubbju hu aħjar li jiġi favorit dak li jkun irid jevita dannu milli dak li jkun qiegħed jipprova jikseb profitt, hawn mhux proprjament każ ta' dubbju, imma każ fejn, nonostanti l-eżami akkurat tal-fatti riżultati, ta' l-indizji u ta' kull singola ċirkostanza, il-ġudikant iħoss li ma jasalx għall-intima konvinzjoni li l-merkanzija pretiża kienet tifforma parti min dik li kienet ammassata fit-tliet "lots" fuq indikati.

Inveru, u apparti d-deskrizzjoni preċiża ta' dawk il-

lots fis-sens li aktar il-fuq ġja ġie spjegat — liema deskrizzjoni ċertament ma jistax jiġi negat li għandha mportanza — mill-provi prodotti mill-konvenut "nomine" jirriżulta li l-merkanzija pretiża ma kienetx qegħda ġol-"lots" li l-appellant "nomine" xtara, imma kienet qegħda separata u għaliha. Din il-Qorti ma sabet l-ebda kontraddizzjoni fid-deposizzjonijiet ta' dawn ix-xhieda, kif issottometta l-appellant "nomine", il-għaliex ċertament mhux kontraddizzjoni, kif hu qal li hi, iċ-ċirkostanza rilevata mhiex xhud Albert Galea, in rigward speċjalment tal-"porcelain insulators u bricks", li mill-"heap" ta' "scrap iron", li kien qiegħed għalih, kien hemm xi waħdiet li kienu qegħdin imissu mal-munzell ta' "insulators u bricks". Ix-xhieda ta' l-appellat nomine, Joseph Fava u Albert Galea, ma qalux, kif l-appellant "nomine" jgħid li qalu, li l-pjanċi kienu qegħdin imissu mal-"galvanised wire". Galea qal li ma kienux qegħdin imissu anzi li kien ftit l'hemm, fir-rokna u Fava qal li kienu ħdejn il-"lot" tal-"galvanised wire" u li xi truf ta' dan il-wire kienu jmissu magħhom. Il-fatt li kien hemm xi truf tal-"wire" imissu mal-munzell l-ieħor fejn kien hemm merkanzija ta' kwalita diversa la ġġib kontraddizzjoni u lanqas ċertament ma jġiegħel li ż-żewġ mnizel isiru wieħed. In rigward għal "poles" imqaxxra, irriżulta li kienu separati mill-"concrete poles" anki mill-istess xhieda ta' l-appellant "nomine" u, inveru, Costantino Zammit qal li dawn il-"poles" li kienu ġa ġew imqaxxra mill-concrete min-nies tal-Gvern, kienu separati min l-oħrajn wisa ta' żewġ piedi jew tlieta u Albert Bajada qal li kienu "stakkati' għalihom, għalkemm — kif hu qal — fl-istess "lot", u dan kuntrarjament għal dak li qal l-imsemmi Costantino Zammit li xehed illi kienu "ħdejn il-"lot". L-istess Albert Bajada, imbagħad, iktar il-quddiem fix-xhieda tiegħu qal li ġew separati permezz ta' kaxxi, iżda jirriżulta li dawn il-kaxxi ġew poġġuti għaliex meta l-impjegati ta' l-appellant "nomine" kienu

qegħdin ikissru l-"concrete" biex jikxfu l-ħadid bdew ipoġġu dan il-ħadid viċin ta' l-istess ħadid tal-Gvern u dawk il-kaxxi tpoġġew biex tiġi evitata l-konfużjoni. In rigward tal-"lot" tal-"porcelain insulators and bricks" jirriżulta soddisfaċentement li kien hemm tabilħaqq xi ħadid im-waħħal mal-"insulators", imma dan il-ħadid ġie meħud mill-appellant "nomine", u mhux fil-kwistjoni; iżda, lis-"scrap iron", li jippretendi wkoll kien ammassat għalih kif jirri-żulta assodat mill-kompless tal-provi.

Anthony Bajada u ibnu Anthony xehdu li meta, qabel ma għamlu l-offerta, marru biex jaraw il-lottijiet, l-imsemmi Fava qalilhom "li kollox kien kompriż fil-kuntratt." Dana huma qaluh naturalment għaliex jippretendu li l-pretiża merkanzija kienet qegħda f'xi wieħed mit-tlett lottijiet; pero kif ġja ngħid, il-kuntrarju jirriżulta mhux biss mix-xhieda tal-appellat "nomine" imma anki min xhieda prodotti mill-istess appellant "nomine" Fava xehed li ma jidhirlux li ġie mistoqsi u li hu rrisponda li l-ħadid imqaxxar kien inkluż fil-"lot" tal-"poles": qal li kull ma qal kien "ara x'joħroġ mill-"concrete poles". Iċ-ċirkostanzi juru li għanda tiġi aċċettata din ix-xhieda, u, difatti, ġja ġie spjegat kif irriżulta, mhux biss mix-xhieda ta' l-appellat "nomine" imma anki min xi xhieda ta' l-appellant "nomine" illi l-imqaxxrin ma kienux ammassati mal-"poles" l-oħra tal-"concrete", imma stokkjati għalihom, xi żewġ pied jew tlieta l'hemm minnhom, u hu wisq iktar presumibbli li Fava qal dak id-diskors biex jurihom kemm ħadid joħroġ mill-"poles" meta jiġu imqaxxra kif ried jagħmel bil-"concrete poles" li kien sejjer jixtri l-appellant "nomine".

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunzzjata bl-ispejjeż kontra l-appellant "nomine".